MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

L-Għaxar LEĠISLATURA

Laqgħa Nru. 35 /2026

Data tal-laqgħa: 15 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

Matthew Agius Zammit	***Sindku***
Loranna Bonniċi	***Kunsilliera***
Joseph Schembri	***Kunsillier***

Skużati

Bernice Caruana	***Viċi Sindku***
Ritienne Caruana	***Kunsilliera***

Uffiċjal Preżenti:

Franklan Debono	***Aġent Segretarju Eżekuttiv***

MAZ

35.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

35.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qrat il-komunikazzjoni li permezz tagħha l-Kunsilliera Ritienne Caruana u l-Viċi Sindku Bernice Caruana infurmaw lill-Kunsill li ma kinux ser jattendu għal-laqgħa minħabba raġunijiet mediċi.

35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 34

35.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 34, li kienu meqjusa bħala moqrija. Fuq proposta tas-Sindku Matthew Agius Zammit, sekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonniċi, il-minuti ġew approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

35.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ikkomunika dwar l-email li ntbagħtet minnu wara li ġie avviċinat mill-Housing. Biex jagħmlu laqgħa miegħu rigward problema fil-pedament fil-bini l-ġdid fejn ġa jinbnew id-90 appartament ġdid. Is-Sindku ġie infurmat li ħa jitnaqqsu xi garaxxijiet u waqt il-laqgħa ta żewġ suġġerimenti. Wieħed jekk il-garaxxijiet jistgħux isiru parking spaces min dak li ħa jintilfu mil-ispazji ta-garaxxijiet jew il-Lands ikomplu b'applikazzjoni li l-Kunsill għamel rigward l-art tal-madar biex tiġi devoluta lil Kunsill sabiex ikun jista' jiżdied il-parkeġġ.

MAZ

35.3.1.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet jekk, issa li hemm nies ġodda, il-Kunsill jistax jerġa' jgħaddi t-talba. Is-Sindku spjega li bħalissa l-art qiegħda fil-proċess tad-devoluzzjoni: il-Lands Authority għandha applikazzjoni minn persuna, u hemm ukoll l-applikazzjoni tal-Kunsill. Jekk ikun hemm ċans, bi qbil dik l-applikazzjoni tista' tiġi kkanċellata biex l-art tiġi devoluta lill-Kunsill, u l-Gvern jagħti lil dik il-persuna post ieħor. Is-Sindku ta l-parir li l-art għandha taqa' taħt il-Kunsill, biex ikun jista' jaħdimha l-Kunsill , u mhux taħt il-Gvern, sabiex ma tkomplix tinbena.

35.3.1.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet jekk jistax jiġi ssuġġerit li r-residenti jitħalltu – dawk li jixtru, dawk issussidjati u dawk b'kera – għalkemm din hija kwistjoni diskutibbli. Meta ġie mistoqsi jekk dan jistax isir, ir-risposta kienet le, għax il-proġett huwa ta' Malita Investments u din taħdem b'mod differenti.

35.3.1.3 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi kienet staqsiet jekk il-garaxxijiet humiex ser jinbnew jew jekk ser ikunu parking spaces. Is-Sindku staqsa lill-Housing jekk, fil-każ li jitnaqqsu, jistgħux isiru parking spaces, iżda dan għad irid jiġi kkonfermat.

35.3.2 ERA – f'seba' xhur saret spezzjoni waħda biss, u dan juri biċ-ċar li l-infurzar mhux qed isir. Ser jiġu ċċekkjati Triq Salvu Sacco u Triq il-Fieres.

35.3.3 Rigward it-tender tal-vann, il-vann ġie ispezzjonat u intgħoġob. Issa ser iġibu wieħed biex il-Kunsill jarah.

35.3.5 Taħt it-tender il-ġdid tal-iskart goff (bulky refuse), il-ġbir ser isir nhar ta' Ġimgħa. Il-kuntratt il-ġdid beda nhar it-Tlieta, u l-ġbir ser jibda din il-Ġimgħa.

35.3.6 Id-dwal fi Triq l-Imdina għadhom ma xegħlux minħabba żball fl-applikazzjoni tal-arloġġ (timer). Suppost li nhar il-Ġimgħa jiġi installat il-meter u d-dwal jibdew jixegħlu.

MAZ

35.3.7 Għall-EWWR (European Week for Waste Reduction), bit-tema 'You can think about it', ġie propost li l-injam, il-ħwejjeġ, il-karti u l-kartun li ntużaw għan-naffar jerġgħu jintużaw f'attivitajiet ta' logħob, kemm għal 'Pjazza għal Pjazza' kif ukoll għal attivitajiet oħra.

35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.4.1 Rigward il-każ ta' Connie Magri, li fetħet kawża kontra l-Kunsill, il-kawża tista' tiġi għolja u saret talba għal ftehim bonarju. Il-Kunsill ser jara x'jista' joffri; jekk ma jkunx hemm fondi mid-DLG, l-aħjar ikun li d-DLG tirranġa magħhom direttament. Fil-qorti ħareġ li kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn l-aħwa, u l-każ ma ġiex preskritt għax huma baqgħu f'kuntatt mal-Kunsill. Il-parir legali huwa li jew il-Kunsill ikompli jonfoq il-flus fil-qrati, jew jintlaħaq kompromess.

35.4.2 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi ser tattendi għal- laqgħa għall-artiġjani, imtella' minn Peter Agius u kkummissjonata mill-Unjoni Ewropea, li tista' tkun ta' interess għall-Kunsill.

35.5 Ġemellaġġ ma' Gela

35.5.1 Saret żjara f'Gela biex jingħata bidu għall-ġemellaġġ, u treset ukoll il-proposta. Kif id-dokument ikun hemm qbil fuqu mil-Kunsilliera Ritienne Caruana kif ukoll il-Viċi Sindku Bernice Caruana dan jgħaddi u jiskatta l-proċċess.

MAZ

35.6 Bonġu Malta

35.6.1 Il-programm 'Bonġu Malta' fil-perjodu tal-Milied mhuwiex vijabbli u lanqas ma'Pjazza għall-Pjazza minħabba li n-nies li jridu jkunu preżenti waqt Bonġu Malta ma jistgħux jagħmlu dan għaliex ikunu għaddejjin b'attivitajiet tagħhom. Għalhekk ġiet skedata ġurnata oħra, it-2 ta' Mejju 2026.

35.7 Ġnien Rousset

35.7.1 Il-yuccas qed jitneħħew illum. Ix-xogħol miexi u huwa mistenni li jkun lest għall-Milied. Minħabba l-bir li kien ser ikun fin-nofs, ġiet mikxufa l-ħamrija u nstabu xi trenches. Il-Kunsill ried jistenna lis-SCH biex jaraw x'hemm; huma radmu kollox u pproponew li l-bir isir minflok il-yucca l-kbira, għax taħtha hemm sitt filati fond. Ser isir pilot project biex jiġi eżaminat jekk il-blat huwiex b'saħħtu. Ser jitħawlu tliet siġriet maturi (flame trees). Ġie ssuġġerit ukoll li l-parking isir slanting, u dan is-suġġeriment intlaqa'.

35.8 Rapport tal-Ilmenti

35.8.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi staqsiet jekk fi Triq San Benedittu limiti tal-iskola Medja hemmx lok biex issir rampa jew zebra crossing, ħabba periklu meta n-nies jaqsmu għax it-triq twila. Ġie ssuġġerit li napplikaw mal-pulzuija għall-ispeed guns

MAZ

35.8.2 Tqajjem ilment dwar il-bus shelter ħdejn il-mina. Is-Sindku spjega li kien sar ftehim mal-Kunsilli Lokali li kull bus shelter ġdid isir permezz tal-kumpanija FACES. Iżda meta Kunsill jitlob lil din il-kumpanija biex iżżid bus stops, huwa l-Kunsill li jrid japplika għall-permess, jagħmel il-bażi, jiżgura li l-art hija devoluta lill-Kunsill jew jibdel id-devoluzzjoni, u jipprovdi arloġġ tad-dawl (timer) biex ir-riklami jixegħlu. B'hekk il-Kunsill ikun qed iħallas €7,000 għal bus stop li mhux tiegħu. Il-Kunsill kiteb biex jibda l-proċess, iżda baqa' mingħajr risposta. Hemm ukoll il-bus stops fi Triq l-Ewwel Titjira u fi Triq Danny Cremona, li jintużaw iżda m'għandhomx shelter; anke dwar dawn il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.

35.8.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit issuġġerixxa biex tinġab kwotazzjoni mingħand Lawrence minħabba l-ħamiem għax qed jagħmlu ħmieġ kbir. Bħalissa qed tgħaddi deroga biex jiġu diskussi dawn il-miżuri. Il-kwistjoni ser titressaq quddiem ir-Reġjun biex jiġi eżaminat x'jista' jsir.

35.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

35.9.1 Il-lista tal-pagamenti, Skeda Nru. 178 , kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

35.9.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq mozzjoni biex il-lista tal-pagamenti, Skeda Nru. 178, tiġi approvata. Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri u ġiet approvata b'mod unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

MAZ

35.10 Tmiem il-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss

35.10.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

35.10.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 27 t'Ottubru 2026, fil-17:00.

35.10.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:35.

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243

Matthew Agius Zammit
Sindku

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243

Franklan Debono
Executive Secretary

Mozzjoni Ref: /26 /10

Mozzjoni:

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 178 tiġi approvata.

Proponent
Matthew Agius Zammit

Sekondant
Joseph Schembri

Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data 15 ta' Settembru, 2026

Franklan Debono
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Mozzjoni Ref: /26/10

Mozzjoni:

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 34

Proponent
Matthew Agius Zammit

Sekondant
Loranna Bonnici

Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 15 ta' Settembru, 2026

Franklan Debono
Deputat Segretarju Eżekuttiv